MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-23 ta' April, 2008

Talba Numru. 671/2007

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Paul Falzon**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li gie prezentat fl-10 ta` Settembru, 2007 fejn is-socjeta` attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallasha s-somma Lm683.92c, rapprezentanti ammont li kien ghadu dovut ghal servizzi lilu rezi in konnessjoni ma` mobile phone number 99219486.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru li gie pprezentat kontestwalment ma` dan l-avviz u kif ukoll dak tal-mandat ta` qbid bin-numru 1678/07 u bl-imghax legali dekorribbli mill-1 ta` Frar, 2007 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

It-Tribunal innota illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema` x-xhieda ta` l-Avukatessa Nadia Vella fis-seduta tal-11 ta` April, 2008 fejn bil-gurament taghha hija kkonfermat illi l-ammont mitlub f`din il-kawza kien ghadu dovut mill-konvenut Paul Falzon.

Illi ghalkemm il-kawza thalliet ghal provi kollha tal-konvenut ghas-seduta ta` llum, 23 ta` April, 2008 ghalkemm kien ghad ma hemmx kontestazzjoni formali da parti ta` l-istess konvenut fuq it-talba attrici, huwa naqas li jidher ghal din is-seduta ghalkemm imsejjah diversi drabi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba tas-socjeta` attrici, konsegwentement jikkundanna lil konvenut sabiex ihallasha s-somma mitluba ta` elf, hames mija u tlieta u disghin ewro u hdax il-ewro centezmi (€1,593.11c), gia` Lm683.92c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-1 ta` Frar, tas-sena 2007 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu tal-konvenut Paul Falzon.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------